SO|0002\15

# Case No: 412/14: Zbilanc finanzjarju tal-Kunsill Lokali Rabat (M)

Scicluna Etienne at DLG

**Sent:** 05 January 2015 09:51
**To:** Rabat Malta Local Council at DLG
**Cc:** Pace Paul Joseph at DLG; Galea Christopher at DLG; Monitoring at DLG

Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali Rabat (M)

**Żbilanċ Finanzjarju tal-Kunsill Lokali għas-sena 2013**

Qed issir referenza għall-financial statements awditjati għas-sena li għalqet 2013 fejn minn dan id-dokument jirriżulta li l-Kunsill tagħkom qed jirreġistra żbilanċ finanzjarju ta' €228,679 fil-working capital tiegħu.

Il-Kunsill qed imur kontra ir-Regolamenti finanzjarji tal-Kunsilli Lokali u għaldaqstant għandu jirregola il-pożizzjoni finanzjarja tiegħu mill-aktar fis possibbli.

Għaldaqstant, filwaqt li dan id-Dipartiment issa jistenna tweġiba immedjata minn naħa tagħkom dwar x'wassal għal dan l-iżbilanċ finanzjarju, intom mitluba sabiex:

a. tippreżentaw programm dettaljat lil dan id-Dipartiment, ta' kif bi ħsiebkom teliminaw dan l-iżbilanċ;

b. ma tidħlux għal aktar *commitments* ħlief dawk il-kuntratti li l-Kunsill huwa obbligat jagħmel skont il-liġi; u

c. tibgħatulna *balance sheet* kull xahar li turi l-qadgħa finanzjarja. Kull meta tibgħatu il-*balance sheet* għandkom tinkludu lista ta' kull *committment* li l-kunsill ikollu u li ma jkunux riflessi fl-istess *balance sheet* biex b'hekk ma tingħatax stampa ħażina tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill. Il-*balance sheet* u lista ta' *commitments* għandhom ikunu iffirmati mill-*accountant* tal-Kunsill.

Intom mitlubin sabiex din l-ittra tinġib għal-attenzjoni tal-membri kollha tal-Kunsill fl-ewwel laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

Sadanittant, dan id-Dipartiment iħeġġiġkom tirreferu għall-leġislazzjoni tal-Kunsilli Lokali b'mod partikulari ir-Regolamenti Finanzjarj (S.L. 363.01) Dawn tistgħu faċilment issibuhom fuq is-sit http://www.justiceservices.gov.mt/LOM.aspx?pageid=27&mode=chrono&gotoID=363&lid=2.

L-informazzjoni mitluba għandha tintbagħat sa mhux aktar tard min-nhar it-Tnejn, 2 ta' Frar 2015 fuq dan l-imejl *etienne.scicluna@gov.mt*.

Grazzi tal-koperazzjoni,

Etienne Scicluna
Monitoring Officer
Department for Local Government

t: +356 22002341 e: etienne.scicluna@gov.mt | www.gov.mt
*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*

Ministry For Justice, Culture and Local Government
26, Archbishop Street, VALLETTA, MALTA